**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 74/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**RE**

**Vs**

**ME**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' RE, datat 24 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-tnax ta' Dicembru elf disgha mija sitta u disghin (12/12/1996) gewwa l-Belt Valletta, kopja tac-certifikat taz-zwieg qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Illi mit-tali zwieg ma twieldu zewgt ulied, SE mwielda f'X u TE mwieled f'Y u li ghalhekk it-tnejn huma maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (23/06/2017) fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom mill-hamsa u ghoxrin ta' Lulju elfejn u sittax (25/07/2016) jghixu separatament, u huma ghandhom hajja totalment separata u independent minn*

*xulxin;*

5. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civli, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' ME datata 29 ta' April 2021, a fol 14, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti mhux topponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, ikkuntrattat fit-12 ta' Dicembru 1996.*

*Illi ciononostante, l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez in konnessjoni ma dawn il-proceduri.*

*Tant ghandha x'tissotometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet u ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi f'seduta stante tas-6 ta' Mejju 2021, il-partijiet ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 15);

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RE** xehed u ddikjara (vide affidavit, Dok RE1, fol 16) illi l-kontendenti jissodisfaw it-tliet kriterji ghad-divorzju, kif stipulat skond il-ligi. Sostna illi ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar erba' jew hames snin u ghaldaqstant ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. Di piu xehed illi manteniment versu xulxin qatt ma kien hemm u dan ghaliex kienu rrinunzjaw ghal dan fl-istess kuntratt ta' separazzjoni. Di piu', t-tfal kienu maggiorenni.

**ME** xehdet (vide affidavit fol 17) fejn ikkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 1996, liema zwieg jgib certifkat numru 2188/1996 (vide Dok A certifikat taz-zwieg, a fol 3) u minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella nhar it-23 ta' Gunju 2017 (vide kuntratt ta' separazzjoni, Dok B, a fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2188/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**